# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 15 ta' Jannar 2020**

**Talba numru 102/2019SFJ**

***SHAWAKH KASEM (26426A)***
***VS.***
***MING GUO (558012L)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu l-attur talab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallsu s-somma ta' elf u disa' mitt Ewro (€1,900) għas-segwenti raġuni:

> *"Wara li l-intimat ġie mitlub iħallas is-somma hawn fuq indikata li tirrappreżenta xogħol ta' kisi fil-proprjetà tiegħu sitwata fi Triq il-Kejla, Ibraġġ, liema xogħol sar fil-proprjetà tiegħu bi żball, huwa naqas li jagħmel dan mingħajr raġuni valida skont il-liġi."*

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fil-5 ta' Ġunju 2019 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

> "*Illi t-talba tal-Attur hija priva minn kull fundament ġuridiku u fattwali u għalhekk għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu stante li kif ammess mill-istess attur, il-konvenut ma nkarigahx jagħmel xogħlijiet fil-proprjetà tiegħu, ix-xogħol*

*sar mill-attur bi żball mhux imputabbli lill-konvenut u l-istess xogħol ma kien ta' ebda benefiċċju lill-konvenut.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa nġunt in subizzjoni.*

*B'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-konvenut fil-liġi.*"

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tat-18 ta' Novembru 2019 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-15 ta' Jannar 2020.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2019 xehed l-attur bl-ilsien Malti u taħt ġurament. Huwa iddikjara li kien jifhem l-ilsien Malti u ma kellux bżonn interpretu.

L-attur xehed li hu kien jaħdem fil-qasam tal-kisi u li kien imqabbad mis-soċjetà Ta' Dernis. Kull darba li jkun hemm blokk appartamenti għall-kisi, kien jitqabbad jagħmel ix-xogħol kollu ta' kisi għall-blokk kollu. Fost ix-xogħol li tqabbad jagħmel kien hemm tlett blokkijiet bini ħdejn xulxin fi Triq il-Kejla f'tal-Ibraġġ. Wara li huwa lesta l-garaxxijiet tal-ewwel blokk, mar fuqu wieħed Ċiniż u qal li l-attur kien daħal fi ħwejġu. L-attur wieġbu li l-blokk kienet tas-soċjetà Ta' Dernis u mhux ta' dan l-istess Ċiniż. Meta dan tal-aħħar baqa' jinsisti li l-parti miksija kienet tiegħu u mhux tas-soċjetà Ta' Dernis, l-attur qal diskors fis-sens li esprima l-ħsieb li jitħallas xorta waħda billi x-xogħol tal-kisi kien sar. Essenzjalment, ix-xhud ikkonferma li kien hemm kantuniera fil-blokk li kienet tal-konvenut li ġiet miksija iżda li l-konvenut ma kienx qabbdu biex jiksiha. Inoltre, huwa xehed ukoll li missier il-konvenut kien wiegħed lill-attur li kien ser iħallsu iżda mbagħad irrifjuta li jħallas.

Fuq suġġeriment tat-Tribunal f'dak is-sens, l-attur ammetta li kien żbalja fis-sens li kien mar jiksi parti mill-binja relattiva li sidha, jiġifieri l-konvenut, ma kienx talbu jiksiha.

Fil-kontro-eżami, l-attur qal li talab ħlas għal din il-parti tax-xogħol mingħand il-konvenut u mhux mingħand Ta' Dernis. Ix-xogħol li sar kien jikkonsisti fil-kisi ta' garaxx u dam isir madwar ġimgħa.

Fl-istess udjenza xehed Ahmed Zidan (118172A). Bil-Malti u taħt ġurament, dan xehed li kien impjegat mal-attur u kien jgħin lill-attur fil-kisi. Dan qal li oltre żewġ passati ta' kisi, hu u l-attur waħħlu xi vireg u għamlu l-*primer*. Fil-kontro-eżami, ix-xhud xehed li l-ordnijiet dwar fejn kellu jinkesa ġew mogħtija mill-attur lilu u lil xi ħaddiema oħrajn.

Fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2019 xehed Angelo Scicluna. Bil-Malti u taħt ġurament, huwa spjega li kien bennej u li kien għamel xi xogħol għall-konvenut. Darba fost l-oħrajn, ġew xi ħaddiema aktarx Sirjani fuq il-post u qalu li s-soċjetà Ta' Dernis kienet qabbdithom jagħmlu xi xogħlijiet. Scicluna spjega li l-post kien tal-konvenut. Is-Sirjani nsistew li l-post kien tas-soċjetà Ta'

Dernis. Quddiem dan kollu, Scicluna wieġeb li kien ser itella' l-għodda tiegħu f'sular ieħor u kien ser jinforma lill-konvenut b'dak kollu li qalu s-Sirjani l-għada.

Fil-kontro-eżami, Scicluna xehed li dawn is-Sirjani laħqu ksew is-soqfa iżda ma kienx ċert kinux inksew il-ħitan ukoll. Ix-xhud ma kienx ċert kemm damu jaħdmu hemm is-Sirjani.

Fl-istess udjenza xehed il-konvenut. Dan qal li hu ma kienx jaf lill-attur u qatt ma qabbdu jagħmillu xi xogħol. Fl-1 ta' Frar 2017 kien ittieħed ritratt li juri xi ħaddiema Sirjani jaħdmu fil-*basement level*, ċioe fil-livell tal-garaxxijiet. Kien Angelo Scicluna li nforma lill-konvenut li kien hemm dawk il-ħaddiema. Billi l-konvenut ma setax imur fuq il-post dakinhar stess, huwa mar il-ġurnata ta' wara ma' missieru, sab numru ta' nies fuq il-post u billi ma kienx jaf min kienu, keċċihom 'il barra. Il-konvenut għamilha ċara li fuq il-post kien hemm *notices* tal-Awtorità tal-Ippjanar u tal-*Occupational Health and Safety Authority* li kellhom ismu fuqhom u li ma kinux isemmu lis-soċjetà Ta' Dernis. Kopji tad-dokumenti relattivi ġew ippreżentati mill-konvenut fl-atti tal-kawża (fol. 35 *et seq.*).

Inoltre, il-konvenut ikkonferma li hu kien qabbad persuna oħra għall-kisi u l-intenzjoni kienet li s-soqfa ma jinksewx. Madankollu, l-attur kien kesa s-saqaf ukoll.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal josserva li sa mill-Avviż tat-Talba stess (fol. 3) l-attur jammetti li x-xogħlijiet li għalihom qiegħed jintalab ħlas saru bi żball. Minkejja dan, l-attur jargumenta li l-konvenut għandu jkun ikkundannat iħallsu s-somma ta' €1,900 għal dawn ix-xogħlijiet li l-konvenut qatt ma talab li jsiru. L-attur irraġuna (kif jidher mix-xhieda tiegħu a fol. 16, per eżempju) li kienu x'kienu ċ-ċirkostanzi, ix-xogħol sar u għalhekk, il-konvenut kellu jħallas.

L-attur irrefera għall-*actio de in rem verso* fit-trattazzjoni. Din l-azzjoni ġiet spjegata hekk mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza ***<u>Joseph Cachia vs. Yellow Fun Limited</u>*** (deċiża fl-10 ta' Ottubru 2005):

> "*Issa huwa dottrinalment stabbilit illi l-ftehim konkordat, ossija l-att negozjali bhala espressjoni tal-manifestazzjoni tal-volonta`, ma huwiex l-uniku sors ta' l-obbligazzjonjiet. Hu fil-fatt rikonoxxut illi l-arrikkament ingustifikat jirrientra fil-fonti legali ta' l-obbligazzjoni purke`, s'intendi, jigi stabbilit u konfermat in-ness kawzali bejn il-vantagg rikavat mit-terz u t-telf jew dannu (f'sens ampju) subit minn min wettaq ix-xoghol jew ivversa hlas jew ippermetta l-uzu ta' l-apparat u materjal proprju tieghu. Skond gurisprudenza pacifika accettata mill-Qrati taghna lil dan ta' l-ahhar hi provvduta l-azzjoni "de in rem verso", li kif jinghad, "hija rimedju sussidjarju li huwa estiz ghall-kazijiet kollha fejn javvera ruhu arrikkament indebitu effettiv ghad-dannu ta' haddiehor. U hija esperibbli fejn ma hix esperibbli l-azzjoni ex contractu" –* ***Kollez. Vol. XXXVIII P I p 397*** *u* ***Vol. XXXIV P III p 784****;*
>
> *Gja fis-sentenza riportata a* ***Vol. XXV P I p 805*** *kien gie spjegat illi "il rimedio sussidiario 'de in rem verso' basato sulle disposizioni contenute nel titolo omonimo del Digesto (Lib.*

*XIV tit. III) venne dai pratici esteso, oltre ai casi contemplati in quel titolo, a tutti gli altri in cui si fosse avverata una effettiva locupletazione a danno altrui in base al noto principio 'jure naturae aequum est nominen cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem', o fu concesso nei casi in cui l' azione 'ex contractu' non è esperibile, Quella tale azione ha il fondamento o ad un tempo il suo limite nel vantaggio recato al terzo (App. "**Scicluna -vs- Watson**", 15 Luglio 1901, **Collez. Vol. XXVIII P I p 26**)'"*

Il-Prim' Awla, fis-sentenza ***Josephine Gusman vs. Anthony Agius et*** (deċiża fil-21 ta' Jannar 2004), qalet:

"*Illi l-azzjoni ntentata mill-attrici hija "l'azione sussidiaria de in rem verso [che] si concede nei casi nei quali non e esperibile l' azione ex contractu ed ha fondamento e limite nel vantaggio recato al terzo; per cui ove tale vantaggio mancasse tale azione non sarebbe esperibile" [App.C. **Giuseppe Scicluna vs Burges Watson** [1901]. Hija bazata fuq l-ekwita' u wiehed mill-elementi essenzjali taghha huwa l-indebitu arrikkiment li skond id-dottrina **Wilbrahim Tennyson Ford vs George Galea** [1940].*

*Il-fondament ta' din l-azzjoni, imsejha wkoll ekwitattiva jew sussidjarja, ghandha l-limiti taghha fil-vantagg li terza persuna takkwista u hija estisa ghall-kazijiet kollha li jkunu juru li kien hemm lokupletazzjoni effettiva a dannu ta' haddiehor in forza tal-principju jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem [PA **Vincent Parnis vs Avukat Dr. Giuseppe Vella** [1955]*

*Dwar l-elementi necessarji ghas-success ta' din l-azzjoni, din il-Qorti diversament presjeduta, osservat li jehtieg jikkonkorru tlett fatturi: "[1] Li l-haga li tkun giet versata, jew li tkun ghaddiet fil-patrimonju tal-konvenut, tirrizulta ta' vantagg u utilita' tieghu; [2] li dak il-passagg tal-haga jkun sar b' titolu lukrattiv; u [3] li min ikun irceviha jkun sar aktar sinjur b' dak li jghaddi ghandu.'"*

Huwa ġurisprudenzjalment stabbilit li "*n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att promotur tal-proċediment*" (ara **Doris u Alfred konjuġi Ellul vs. Francis Camilleri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2003 kif ukoll il-ġurisprudenza hemm ikkwotata). F'dan il-każ, l-att promotur la jsemmi u lanqas jalludi għall-kunċett tal-arrikkiment indebitu.

Żewġ elementi tal-arrikkiment indebitu huma partikolarment relevanti hawn. Sabiex ikun hemm arrikkiment, kif tgħid il-ġurisprudenza, irid ikun hemm xi ħaġa li tkun ġiet versata. F'dan il-każ, huwa ċar kemm mill-att promotur kif ukoll mill-provi prodotti li s-servizzi mogħtija ġew mogħtija bi żball. Meta l-attur ħadem fil-blokk relattiv, huwa kien taħt l-impressjoni li kien qiegħed jaħdem fi proprjetà tas-soċjetà Ta' Dernis. Meta, għal raġunijiet ovvji, irriżulta li Ta' Dernis ma kinux ser iħallsu għax ix-xogħol ma kienx sar fil-blokk tagħhom, l-attur dar fuq il-konvenut sabiex jitħallas mingħandu.

Element ieħor tal-azzjoni *de in rem verso* huwa li l-ħaġa mogħtija trid tkun ta' utilità jew vantaġġ għal min jirċeviha. Dwar dan, meta wieħed jikkunsidra kemm li dan it-Tribunal huwa marbut jiddeċiedi prinċipalment skont l-ekwità kif ukoll meta wieħed jikkunsidra li l-azzjoni *de in rem verso* hija azzjoni ekwitattiva (ara l-ġurisprudenza sopra ċitata), ċertament ma jidhirx li jkun wiq ekwu li

persuna tiġi ikkundannata tħallas għal servizzi li hija ma talbitx li jsiru. It-tikħil u kisi mhux biss ma kellux isir, iżda skont il-provi mressqa, ma kienx hemm l-intenzjoni li jsir tikħil u għalhekk, xi affarijiet kellhom isiru mill-ġdid (ara fol. 45).

Jirriżulta wkoll mill-provi li fuq il-post, kien hemm dokumentazzjoni, *notices* u/jew senjaletika li kieku nqraw mill-ħaddiema li għamlu x-xogħol, kienu juru ċar li s-sit tal-bini jew blokk ma kellhom xejn x'jaqsmu mas-soċjetà Ta' Dernis iżda kienu jappartjenu lil persuna kompletament differenti. Għalhekk, kemm l-attur kif ukoll ħaddiema oħrajn involuti fix-xogħol tal-kisi setgħu faċilment intebħu li l-blokk relattiv ma kienx tas-soċjetà Ta' Dernis. Dan huwa iktar u iktar ovvju meta l-attur xehed b'mod li ta l-impressjoni li huwa kien normalment jitqabbad minn Ta' Dernis sabiex ikaħħal u jiksi l-binjiet kostruwiti minnhom. Għalhekk dan kien f'pożizzjoni li jinduna mill-avviżi u *notices* fuq il-post li l-post ma kienx jappartjeni lil Ta' Dernis.

Għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal ma jinsabx konvint li t-talbiet tal-attur jimmeritaw li jkunu milqugħa.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti, sema x-xhieda, ra d-dokumentazzjoni ippreżentata u sema' t-trattazzjonijiet relattivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-attur.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**